QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**John sive Jovan Vella**

Numru: 2/2009

Illum 27 ta' Jannar 2016

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **John sive Jovan Vella,** ta' disgha u tletin (39) sena, iben Carmel u Margaret nee' Azzopardi, imwieled Xaghra, Ghawdex nhar it- 22 ta' Jannar 1968, residenti fil-fond 106, Triq Santa Duminka, Vittorja, u/jew 29, Triq San Pawl, Munxar, u/jew Plot 53, Triq Gokk, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 3468(G), akkuzat talli nhar il-21 ta' Gunju 2007 u fix-xhur ta' qabel;

a) Talli ghamel jew halla li jsir zvilupp billi ghalkemm ghad hemm avviz ghal waqfien u ta' infurzar *in vigore*, rega' ipparkja vetturi illegalment u nehha sigilli konsistenti fi klampi (clamps) legittimament maghmula mill-Awtorita' ta'

Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) u l-Pulizija fuq vetturi liema azzjoni saret taht ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) wara proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni (13/07 AE), f'post maghruf bhala Triq Wied Siekel, Fontana, minghajr peress ghall-izvilupp bi ksur tal-artikolu 56(1)(c) (d) tal-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp;

b) Ukoll talli, gewwa l-istess lok u cirkostanzi bhala persuna mhux awtorizzata li pprova jnehhi jew nehha klampi tar-rota mwahhla ma' xi oggett jew ipprova jnehhi jew nehha xi oggett bir-roti kklampjati, u cioe' trakk tat-tip Iveco bin-numru tar-registrazzjoni COR133 u trakk tat-tip Bedford TL bin-numru tar-registrazzjoni HAB375 jew ipprova jikser jew kiser id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti 4, bi ksur tal-artikolu 11, tal-Avviz Legali 26, 2002;

c) U aktar tali bhala sid ta' l-oggetti kklampjati u cioe' trakk Iveco bin-numru tar-registrazzjoni COR133 u trakk tat-tip Bedford TL bin-numru tar-registrazzjoni HAB375 naqas li jhallas id-dritt li hu dovut lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), u dan dawk specifikati fir-regolament 9(b), 9(c) u (d), skont il-kaz bi ksur tal-Artikolu 5, tal-Avviz Legali 26, 2002;

d) Ukoll talli nhar id-29 ta' Mejju, 2007, saq it-trakk tat-tip Iveco bin-numru tar-registrazzjoni COR133 u dan meta ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) U fl-ahhar talli nhar id-29 ta' Mejju 2007, saq it-trukk tat-tip Iveco bin-numru tar-registrazzjoni COR 133 u dan meta kellux licenzja tal-imsemmija vetturi mgedda jew imhallsa ghas-sena kurrenti;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fil-bidu tal-2009. F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

U dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali t-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015 fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Ġenerali** :

> *Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*
>
> *[...]*
>
> *Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull każ jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan mhuwiex ġustifikazzjoni;*
>
> *[...]*
>
> *Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il-mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*

**Qorti f'posizzjoni zvantaggjuza:**

Il-Qorti tinnota li dan il-kaz jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda. Il-Qorti sejra tqis l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fliet b'attenzjoni d-depozizzjonijiet ta' Charles Debattista (*a fol* 16 *et seq.* u *a fol* 68 *et seq*.), Saviour Farrugia (*a fol* 30 *et seq*.), Ronnie Vella (*a fol* 32 *et seq*.), l-Ispettur Josric Mifsud (*a fol* 42 *et seq*.), Mark Cini (a fol 108 *et seq*.), Johnny Sultana (*a fol* 146 *et seq*.,) u tal-Imputat John Vella (*a fol* 108 *et seq*.).

Din il-Qorti mhix f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija m'ghexitx il-process tul il-medda taz-zmien u ghalhekk mhijiex f'posizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu, u ma setghetx tikkonstata *icto oculi* x'interess seta' kellu xi xhud dakinhar li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Il-process spicca quddiemha b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef wara li kienu gia xehdu x-xhieda kollha.

**Versjonijiet differenti:**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bilfors hemm konflitt li ghandha twassal ghal-liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skont il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'.*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

**Preskrizzjoni:**

L-imputat eċċepixxa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Illi dwar dawn l-eċċezzjonijiet saret trattazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta u kellha tittieħed in konsiderazzjoni mas-sentenza finali. Fil-verbal tas-seduta hemm imnizzel "*Semghet trattazzjoni fuq l-eccezzjoni tal-Preskrizzjoni sollevata mid-difiza, tipprovdi fil-gudizzju finali.*"

Il-Qorti qabel tidhol fil-mertu tal-kaz se tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-proskrizzjoni.

Il-punti saljenti rigwardanti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-imputat huma kif gej:

Illi fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkużi kif dedotti fil-konfront tal-imputat, jingħad illi l-Avviż Legali 26 tal-2002 (L.S. 504.47) jistabilixxi li min jaġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolament għandu jeħel meta jistab ħati multa ta' mhux anqas minn €232.94 u mhux iżjed minn €2,329.37);

Illi jsegwi għalhekk illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 688 (e), il-perjodu preskrittiv f'każ ta' multa huwa ta' sentejn;

Illi fir-rigward tar-rabà (4) imputazzjoni, u li permezz tagħha l-imputat qiegħed jiġi akkużat illi saq trakk mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, jingħad illi l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sub-inċiż (3) jistabilixxi illi:

*"Għad illi f'liġijiet oħra jistà jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom jsiru proċeduri quddiem Qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jistà jsir –*

a. *Fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew*
b. *Fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-Prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat;*

L-imputat ġie notifikat l-ewwel darba bl-att tal-akkuża fit-3 ta' Novembru, 2009 u għalhekk aktar tard mit-terminu stabbilit skont il-Liġi sabiex ikunu jistgħu jittieħdu proċediment taħt dan l-artiklu.

Illi jsegwi għalhekk illi din l-akkuża għandha taqà bil-preskrizzjoni speċjali hekk kif stabbilita permezz tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fir-rigward tal-ħames (5) akkuża li permezz tagħha l-imputat jinsab akkużat illi ma kellux liċenzja tal-vettura mġedda jingħad illi l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi li persuna li tikser id-disposizzjoni ta' dak l-Artikolu tistà teħel multa ta' mhux aktar minn €232.94 jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet (3) xhur;

Illi għalhekk, b'applikazzjoni tal-Artikolu 688 (e) il-preskrizzjoni hija *"bl-għeluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjoni"*;

L-akkuża kif dedotta hija preskritta stante t-trapass ta' aktar minn sentejn mid-data tal-allegat reat, sad-data tal-ewwel notifika;

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza fir-rigward tat-tieni (2), t-tielet (3), ir-rabà (4) u l-ħames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ta' dawn l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u kif ukoll ir-riferta ezebita fil-process. Ladarba dawn jittiehdu in konsiderazzjoni, jirrizulta li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza ghandha tigi milqughha.

**L-ewwel (1) imputazzjoni**
**(Artikolu 56(1)(c) (d) tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp)**

Issa li kienet deciza l-eccezzjoni mqajma mid-difiza jibqa' biss li l-Qorti tara jekk mill-provi prodotti ghandhiex tinstab htija dwar l-ewwel (1) imputazzjoni.

Il-Qorti tirrimarka li ghalkemm il-Prosekuzzjoni nghatat ic-cans li taghmel sottomissjonijiet finali bil-kitba, din ma dahlitx nota fiz-zmien moghti lilha. Il-Qorti tikkundanna dan in-nuqqas ta' interess li hallew lill-Qorti taqdef ghal rasha qalb il-pagni tal-process. Huwa fid-dmir tal-Prosekuzzjoni u f'dan il-kaz il-MEPA li f'kazijiet bhal dawn ta' abbuz sfrenat fejn ghandna min jiehu l-ligi b'idejh kif il-Qorti temmen li sar f'dan il-kaz ikun segwit b'attenzjoni u min jabbuza ma jithallilux minn fejn jizgicca.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita' tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Il-Prosekuzzjoni jidher li qed tistrieħ fuq il-fatt illi l-imputat huwa s-sid tas-sit inkwistjoni u ta' xi oġġetti mertu tal-azzjonijiet da parti tal-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar. L-imputat dejjem ċaħad li huwa b'xi mod neħħa jew ħalla li jsir żvilupp waqt li kien hemm avviż għal waqfien u ta' infurzar.

Illi fl-*istatement* tiegħu l-imputat a *fol* 91 *et seq* sa jgħid li fil-jum mertu tal-kawza huwa ma kienx qiegħed f'Għawdex imma kien qiegħed xogħol Malta. Matul il-proċeduri kollha ma ngabet l-ebda prova li l-*clamps* tneħħew mill-imputat.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-

Qorti baqghet kolpita′ minn dubju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skont il-ligi.

U ghalhekk anke dwar l-ewwel (1) imputazzjoni mhix tinstab htija fil-konfront tal-imputat.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li fir-rigward tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u l-ħamsa (5) tiddikjara dawn l-imputazzjonijiet bhala preskritti u konsegwentement estinti, ghar-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni l-Qorti wara li rat l-Artikolu 56(1)(c) (d) tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp ma ssibx lill-imputat hati u tiddikjara lil John Vella mhux hati ta' din l-imputazzjoni u minnha tilliberah skont il-ligi.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**